# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 644/2021GG**

**Sunshine Aviation Limited (C 63892)**

**vs**

**Skyfirst Limited (C 52518)**

Illum 12 ta' Gunju 2024.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Guramentat**[1] **tas-socjeta' attrici Sunshine Aviation Limited** ipprezentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-2 ta' Lulju 2021, bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi l-fatti relevanti ta' din il-kawża jikkonċernaw l-aġir illegali, abbużiv u *in mala fede* tas-soċjetà intimata wara t-terminazzjoni awtomatiku ta' ftehim temporanju bejn il-partijiet imsejjaħ it-*'Temporary Aircraft Management Agreement'* datat 7 April 2014 li kkonċerna l-provvista ta' servizzi tekniċi u ta' manutenzjoni fuq l-inġenju tal-ajru tas-soċjetà rikorrenti tat-tip Falcon 2000X u bin-numru ta' reġistrazzjoni 9H-BEC;

[1] Fol. 1 sa 3

2. Illi bis-saħħa ta' dan il-ftehim is-soċjetà intimata ġiet reġistrata bħala l-*operator* tal-inġenju tal-ajru in kwistjoni u għalhe:kk is-soċjetà intimata kellha l-pussess tal-ajru tul it-terminu tal-kuntratt in kwistjoni;

3. Illi peress illi kuntratt finali ma ġiex iffirmat, it-*'Temporary Aircraft Management Agreement'* ġie fi tmiemu fil-31 Mejju 2014 u dan skont Artikolu 6.1 tal-istess kuntratt, u fil-fatt is-soċjetà rikorrenti bagħtet *'Termination Notice'* fis-7 Settembru 2014;

4. Illi b'mod abbużiv u mingħajr ebda dritt fil-liġi jew kuntrattwali, minkejja t-*'Termination Notice'* u t-terminazzjoni tat-*'Temporary Aircraft Management Agreement'*, is-soċjetà intimata żammet fil-pussess tagħha d-dokumenti kollha appartenenti lill-inġenju in kwistjoni b'dan illi s-soċjetà rikorrenti ma setgħet tagħmel użu mill-istess inġenju tal-ajru tagħha bl-ebda mod;

5. Illi s-soċjetà intimata ma kellha l-ebda tip ta' dritt sabiex tiddetjeni abbusivament id-dokumentazzjoni storika kif ukoll il-logbook u dokumentazzjoni oħra ta' safar appartenenti lill-inġenju tal-ajru bin-numru ta' reġistrazzjoni 9H-BEC preċedentement mikri lilhom, liema dokumentazzjoni hija essenzjali għall-użu, titjier u operat tiegħu;

6. Illi in oltre s-soċjetà intimata, deliberatament u *in mala fede*, intralċat l-attentati tas-soċjetà rikorrenti sabiex tqabbad fornitur ieħor tas-servizzi rikjesti għall-inġenju tal-ajru u tant li l-inġenju tal-ajru baqa' *grounded* għat-tul ta' żmien li rrekka dannu sostanzjali u dan minkejja d-diversi tentattivi tas-soċjetà rikorrenti;

7. Illi, kif is-soċjetà intimata taf ben sew, inġenji tal-ajru jiddeprezzaw b'rata allarmanti, u l-inġenju tal-ajru in kwistoni ddeprezza sostanzjalment u dan sewa lis-soċjetà rikorrenti miljuni f'danni attwali. Fil-fatt, ir-*retail value* tal-ajruplan naqas drastikament;

8. Illi xieraq li s-soċjetà rikorrenti tagħmel referenza għall-proċeduri pendenti bejn l-istess partijiet ta' din il-kawża, fl-ismijiet *Skyfirst Limited (C 52518) vs Sunshine Aviation Limited (C 63892)*, u bin-numru ta' referenza 1060/2015/1 li huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, li jikkonċernaw l-istess diżgwit suġġett ta' dan

ir-rikors, però għandu jingħad illi d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti u mitluba permezz ta' dan ir-rikors ġuramentat ma jiffurmawx part mill-mertu ta' dawk il-proċeduri oħra;

9. Illi għall-imsemmi dannu kkawżat lis-soċjetà rikorrenti tirrispondi u hija unikament responsabbli s-soċjetà intimata stante li l-aġir tal-istess soċjetà intimata wassal għad-deprezzament xokkanti ta' dan l-inġenju tal-ajru;

10. Illi kwindi, għar-raġunijiet imsemmija, is-soċjetà intimata għandha tagħmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti għaliex skont il-liġi tagħna, kull wieħed irid iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu;

11. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Ghaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) Tiddeċiedi u tiddikjara illi s-soċjetà intimata hija unikament responsabbli għad-dannu kkawżat lis-soċjetà rikorrenti bl-aġir tagħha;

(ii) Tillikwida d-danni subiti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

(iii) Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas id-danni hekk subiti u llikwidati skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata li tibqa' minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat li minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata[2] bir-Rikors Guramentat, hija naqset li tipprezenta Risposta Guramentata, u konsegwentement giet dikjarata fi stat ta' konumtacja fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2021[3].
Rat li s-socjeta' konvenuta ma sehhilhiex tiggustifika l-konumtacja taghha.[4]

---

[2] Fol. 8 (*tergo*)
[3] Fol. 9
[4] Ara Rikors tas-socjeta' konvenuta, fol. 83 sa 164; Risposta, tas-socjeta' attrici, fol. 166 sa 179 u digriet finali moghti fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2021, fol. 180

Rat li din il-Qorti, kif presjeduta, cahdet talba tas-socjeta' konvenuta ghas-sospensjoni tas-smigh ta' din il-kawza sakemm ikun determinat finalment il-procediment numru 1060/2015/1 bejn l-istess partijiet mill-Qorti tal-Appell[5].

Rat il-provi dokumentarji mressqa mis-socjeta' attrici.

Rat is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat li:**

1. Din hija kawza dwar responsabbilta' civili, u ghall-hlas ta' danni, li s-socjeta' attrici qed tipprosegwi kontra s-socjeta' konvenuta, in segwitu ghal proceduri ohra fl-ismijiet inversi [**Skyfirst Limited vs Sunshine Aviation Limited**, 1060/2015/1] bejn il-partijiet li ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Is-socjeta' attrici tghid li hija sid ajruplan tat-tip Falcon 2000X bin-numru ta' registrazzjoni 9H-BEC[6], u li kienet ghamlet Tempor*ary Aircraft Management Agreement* mas-socjeta' konvenuta dwar dan l-ingenju tal-ajru fis-7 ta' April 2014. Skond is-socjeta' attrici, dan il-ftehim skada fil-31 ta' Mejju 2014, u l-patijiet ma dahlux f'kuntratt iehor bejniethom, pero' s-socjeta' konvenuta baqghet izzomm il-pussess tad-dokumenti ta' dan l-ajruplan ghal zmien twil wara, li wassal biex ma setax jithaddem, u tilef sostanzjalment fil-valur, kollox ghad-dannu tas-socjeta' attrici;

2. In sostenn ta' dawn il-pretensjonijiet taghha, is-socjeta' attrici ressqet affidavits u dokumenti.[7]

3. Ix-xhud **Timothy Fritz** iddikjara li huwa jmexxi r-relazzjonijiet esteri ghas-socjeta' Costruzioni s.r.l., registrata fl-Italja,

---

[5] Fol. 214
[6] Il-mudell jidher fl-istampi ezibiti, fol. 80 sa 81
[7] Fol. 14 sa 58 u 60 sa 81

bis-sid beneficcjarja ta' 99.% tal-ishma taghha hija Liliana Condomitti, li hija wkoll azzjonista ta' 15% tal-ishma fil-kumpanija Sunshine Aviation Holdings Limited, u din da parti taghha ghandha 99.91% mill-ishma tas-socjeta' attrici, li hija sid l-ajruplan registrat bin-numru 9H BEC. Huwa kien il-kuntatt ghall-operaturi ta' titjiriet privati ghal diversi snin.

4. Fl-affidavit tieghu, Fritz spjega li fis-7 ta' April 2014, is-socjeta' attrici ffirmat ftehim temporanju mas-socjeta' konvenuta ghat-tmexxija ta' dan l-ajruplan, u s-socjeta' konvenuta kienet registrata bhala l-operatur tieghu. Dan l-arrangament spicca fil-31 ta' Mejju 2014, u qatt ma kien mgedded, ghaliex il-partijiet ma ftiehmux fuq il-mizati tal-operatur, u s-socjeta' konvenuti kienet qed titlob hlasijiet ezagerati. Id-diskussjonijiet damu ghaddejjin pero' waqfu fit-22 ta' Mejju 2015. Ir-relazzjoni bejn iz-zewg kumpaniji kompliet tmur ghall-aghar, u s-socjeta' konvenuta ipprocediet ghall-hlas tas-servizzi moghtija minnha tul dak il-perjodu, liema proceduri llum ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell [**Skyfirst Limited vs Sunshine Aviation Limited**, 1060/2015/1].

5. Fritz kompla jghid li, fl-20 ta' Lulju 2015, l-ajruplan kellu skedata l-manutenzjoni tieghu li kellha tinghata minn TAG Aviation, pero' minhabba din il-kwistjoni, is-socjeta' konvenuta ma ppermettietx li dan isir. Il-manutenzjoni setghet issir ukoll il-gimgha ta' wara, imma anke din il-possibilita' xxekklet mis-socjeta' konvenuta, u dan minkejja li s-socjeta' attrici kienet lesta thallas l-ispiza tal-manutenzjoni direttament lill-provditur tas-servizz TAG Aviation[8]. Ir-raguni moghtija mis-socjeta' konvenuta kienet li riedet garanzija ghall-hlasijiet li tghid li ghandha tiehu minghand is-socjeta' attrici ghar-rigward tal-operazzjoni tal-ajruplan matul is-sena ta' qabel;

6. Fritz ikompli jghid li s-socjeta' konvenuta baqghet izzomm id-dokumenti tal-ajruplan biex taghmel pressjoni sabiex tithallas dak

[8] Fol. 23

minnha pretiz mis-socjeta' attrici. Fil-frattemp, il-manutenzjoni li kellu bzonn l-ajruplan baqa' ma saritx. Fil-11 ta' Settembru 2015, terz (GAMA Aviation) kien indikat bhala l-*Aircraft Manager* il-gdid tal-ajruplan, pero' sa dakinhar id-dokumenti tieghu baqghet izzommhom is-socjeta' konvenuta. Sa dak iz-zmien, l-ajruplan kien ilu ma jtirx ghal xahrejn minhabba li ma saritlux il-manutenzjoni mehtiega. Ix-xhud esebixxa korrispondenza elettronika li turi li f'Awissu 2015, is-socjeta' attrici kienet inkarigat avukat f'Londra li beda jmexxi d-diskussjonijiet mas-socjeta' konvenuta bl-intiza – min-naha tas-sojceta' attrici – li tiehu kontroll tal-ajruplan u tinnegozja fuq il-hlasijiet.[9]

7. Fritz kompla jghid li, minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet tat avviz tat-terminazzjoni tal-operat taghha bl-ajruplan skond il-ftehim temporanju li kellhom, u dan b'effett mis-7 ta' Settembru 2015[10], hija hadet pussess tad-dokumenti tal-ajruplan, li tnehhew minn gol-ajruplan innifsu u mbaghad gew sekwestrati bis-sahha ta' mandat ta' sekwestru numru 1622/2015. Is-socjeta' attrici kkontestat dak il-mandat, u sussegwentement, fit-3 ta' Novembru 2015, is-socjeta' konvenuta minn jeddha rtirat il-mandat. Kien b'hekk li s-socjeta' attrici rnexxielha tottjeni d-dokumenti tal-ajruplan u l-kontroll tieghu. Eventwalment, is-socjeta' attrici bieghet l-ajruplan fl-14 ta' Frar 2018, bil-prezz ta' tlett miljun dollaru Amerikan ($3,000,000)[11]. Fl-14 ta' Settembru 2016, is-socjeta' konvenuta kienet offriet li tixtrih hi l-ajruplan bil-prezz ta' tlett miljun u nofs dollari Amerikani, pero' ghas-socjeta' attrici din l-offerta kienet ridikola ghaliex hija kellha stima li kien jiswa $10.9 miljun dakinhar. Is-socjeta' attrici gharrfitha li kienet lesta tbieghulha bil-prezz ta' $8.5 miljun, pero' ma waslux.

8. Fritz iddikjara wkoll li, fil-bidu ta' Gunju 2015, Liliana Condomitti u binha Francesco Becchetti kienu nvoluti fi proceduri gudizzjarji mmexxija mill-gvern Albaniz, li sussegwentement fl-24 ta'

[9] Fol. 25 sa 26
[10] Fol. 36
[11] Fol. 42 sa 57

April 2019 gew dikjarati mill-ICSID tal-Bank Dinji li kienu biss frott kampanja politika b'abbuz ta' poter mill-pulizija, ghall-gheluq ta' stazzjoni televiziv li kellha l-familja Becchetti. Minhabba f'dan, is-snin 2016 sa 2018 kienu difficli hafna ghas-socjeta' attrici, u s-socjeta' konvenuta ppruvat tiehu vantagg minn dik is-sitwazzjoni. Is-socjeta' konvenuta rat kif ghamlet biex sfrattat xerrejja prospettivi, oltre li kkontribwiet biex zdiedu ferm l-ispejjez biex l-ajruplan jerga' jittajjar.

9. **Is-socjeta' attrici** pprezentat ukoll rapport[12] *ex parte* ta' espert inkarigat minnha, **Paul Rathbone**, dwar id-danni pretizi minnha f'din il-kawza. Huwa ddikjara li, fil-bidu tas-sena 2018, l-ajruplan mertu tal-kawza kellu valur ta' $9,100,000[13], pero' s-socjeta' attrici rnexxielha tbieghu bil-prezz ta' $3 miljuni dakinhar. Huwa jattribwixxi dan it-tnaqqis tant qawwi fil-prezz ghan-nuqqas tal-adempiment ta' manutenzjoni skedata u meqjusa bhala magguri tal-ajruplan kif ukoll ghall-kwistjoni bejn Skyfirst u Pedrel. L-ajruplan kellu bzonn manutenzjoni estensiva fis-sena 2015, li pero' ma kenitx ezegwita minn TAG Aviation. Huwa qal li kien ragjonevoli li jassumi li, kieku kienet ezegwita l-manutenzjoni, l-ajruplan seta' nbiegh ghall-prezz ta' $9.1 miljun fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2018, u li ma kellu taghrif ta' ebda intervent min-naha tas-socjeta' konvenuta ("respondant") biex dan it-telf ma jirrikorrix, jew jitnaqqas. Ghalhekk huwa kkonkluda li d-danni li batiet is-socjeta' attrici bl-azzjonijiet tas-socjeta' konvenuta jammontaw ghal $6,100,000.

10. **Is-socjeta' attrici** pprezentat ukoll affidavit ta' **Alessandro Angelieri**[14], ta' nazzjonalita' Taljana, li qal[15] li ilu direttur tas-socjeta' attrici, u direttur ukoll tal-kumpanija Sunshine Aviation Holdings Limited, mit-3 ta' Gunju 2015. Meta beda f'din il-kariga, kien mgharraf fuq dan il-kaz mid-direttur l-iehor, u mbaghad sussegwentement, kien jircievi t-taghrif dwar l-izviluppi minghand Tim Fritz u Francesco Becchetti. Huwa spjega li l-ghan ta' din l-

[12] Fol. 61 sa 81
[13] L-espert ghamel komputazzjoni minn valutazzjoni li kienet saret minn Vref fis-6 ta' Marzu 2017, fol. 38 sa 39
[14] Fol. 194 sa 196
[15] Id-dokumenti li jirreferi ghalihom bhala li juru din il-kariga tieghu ma jinstabux fl-atti

azzjoni huwa li s-socjeta' attrici tirkupra t-telf li garrbet b'rizultat tal-agir tas-socjeta' konvenuta li wassal biex l-ajruplan ma saritlux il-manutenzjoni krucjali li kellu bzonn, f'waqtha, u biex tilef tant mill-valur tieghu. Huwa spjega d-distinzjoni bejn ir-rimedji li s-socjeta' attrici qed titlob fiz-zewg kawzi li ghandha pendenti – azzjoni principali odjerni u rikonvenzjoni fil-procediment l-iehor pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Filwaqt li fil-procediment l-iehor, is-socjeta' attrici qed titlob rimbors tal-ispejjez u l-hlasijiet zejda li kienet kostretta tinkorri bit-tehid tal-mizuri kawtelatorji mis-socjeta' konvenuta, sussegwentement rinunzjati volontarjament minnha stess, b'din l-azzjoni hija qed titlob it-telf kapitali li garrbet bit-tnaqqis fil-prezz tal-ajruplan kagunat mill-agir u n-nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta.

11. Huwa tenna li s-socjeta' attrici kellha arrangament temporanju ghat-titjir tal-ajruplan f'April 2014, li pero' qatt ma kien segwit minn arrangament permanenti minhabba f'rati ta' xoghol gholjin mitluba mis-socjeta' konvenuta. Ghalkemm il-ftehim temporanju skada f'Mejju 2014, is-socjeta' konvenuta baqghet registrata bhala l-operatur tal-ajruplan sas-sena 2015, u baqghet izzomm il-kontroll tieghu. Tul dan iz-zmien, hija waqqfet kull sfroz u tentattiv li ghamlet is-socjeta' attrici biex l-ajruplan issirlu l-manutenzjoni li kien jehtieg, anzi rrifjutat li tippermetti li din issir minhabba li ma rcevietx il-hlasijiet pretizi minnha. Skond ix-xhud, is-socjeta' konvenuta kienet qed tistrieh fuq it-tnaqqis qawwi u mghaggel fil-prezz tal-ajruplan biex taghmel pressjoni fuq is-socjeta' attrici halli taccetta r-rati u l-pretensjonijiet ta' hlas taghha. Huwa rrepeta l-fatti kif spjegati minn Fritz dwar il-hrug tal-mandat ta' sekwestru u dwar il-proceduri separati li l-familja sidien tal-ajruplan kienu qed jiffaccjaw fiz-zmien in kwistjoni. Huwa ddikjara li s-socjeta' attrici tippretendi li s-socjeta' konvenuta tahti ghal 60% tat-tnaqqis fil-valur tal-ajruplan, u cioe $3,600,000.

12. Jirrizulta wkoll li, fil-proceduri separati fl-ismijiet inversi, prezentement pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, is-socjeta' konvenuta talbet hlas tas-somma ta' €274,513.40 (mitejn u erbgha u

sebghin elf hames mija u tlettax-il Ewro u erbghin centezmu), sussegwentement ridott[16] ghal €222,506.66 (mitejn u tnejn u ghoxrin elf hames mija u sitt Ewro u sitta u sittin centezmu)[17], ghal servizzi moghtija dwar dan l-ajruplan meta hija kienet ingaggata bhala l-operatur tieghu, u skond il-ftehim li jissemma tas-7 ta' April 2014; filwaqt li, fit-talba rikonvenzjonali taghha, is-socjeta' attrici odjerna talbet likwidazzjoni u hlas ta' danni rizultanti minn allegata detenzjoni abbuziva tad-dokumentazzjoni ta' dan l-ajruplan. Fis-sentenza taghha, **li ghadha mhix finali**, din il-Qorti (diversament presjeduta) innotat li l-ftehim tas-7 ta' April 2014, u li skada fil-31 ta' Mejju 2014, kien l-uniku ftehim iffirmat bejn il-partijiet, pero' s-socjeta' konvenuta baqghet tippresta l-istess servizzi msemmija fil-kuntratt ghal zmien sussegwenti, bl-accettazzjoni tas-socjeta' attrici. Ghar-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali, il-Qorti rregistrat li t-talba tirrigwadja l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici odjerna fiz-zmien bejn l-14 ta' Ottubru 2015, meta s-socjeta' konvenuta ottjeniet mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u t-3 ta' Novembru 2015, meta s-socjeta' attrici zbankat id-dokumenti tal-ajruplan, ammontanti b'kollox ghal €16,073.09[18]. Hija kkonkludiet li l-hlas mitlub mis-socjeta' konvenuta odjerna huwa dovut, izda li l-pretensjoni mressqa mis-socjeta' attrici odjerna ghal responsabbilta' civili, u hlas ta' danni, ma kinetx gustifikata billi s-socjeta' konvenuta odjerna kienet agixxiet b'kawtela, u fl-ahjar interess tas-socjeta' attrici fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

13. Kif jinsab konfermat fil-gurisprudenza[19], u kif kellha okkazjoni tirribadixxi diversi drabi l-Qorti tal-Appell[20], fosthom fis-

---

[16] Ara spjegazzjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta fis-sottomissjonijiet taghha, pg. 26

[17] Fol. 113

[18] Fol. 127

[19] *'Il-kontumacja ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa rrekwizit tal-ligi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` u li jressaq l-ahjar prova'*, ara fost ohrajn **Joseph Vella vs Pierre Cremona**, Appell (Superjuri), 10.10.2003

[20] Ara **Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs. Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine**, Appell, 27.03.1996; **Ruth Apap vs. Noel Apap**, P.A., (FDP), 30.06.1995; **Reuben Belli vs. Yordon Marinov**, Appell, 23.02.2017, u **Sprint Holdings Limited vs Joseph Zammit et**, Appell, 31.5.2023 u bosta ohrajn

sentenza **Francis Busuttil vs Mary mart Anthony Azzopardi et**[21], *'il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***London Services Limited v. Regina Bianca Limited*** *(Appell, 31/07/2003) fejn fir-rigward tal-istess argument magħmul mill-appellat intqal hekk:*

> *"...darba li stat ta' kontumacja mhux biss ma jammontax ghal xi ammissjoni imma ghandu jitqies bhala kontestazzjoni u billi wkoll parti in kontumacja ghandha dritt li tappella, allura dan ifisser li – fil-limitazzjonijiet inflitti fuqha nfisha bin-nuqqasijiet taghha – dik il-parti appellanti, ankorke` kontumaci, ghandha d-dritt li tappella fil-meritu."*[22]

14. Ladarba l-istat ta' kontumacja tas-socjeta' konvenuta jekwivali kontestazzjoni, din il-Qorti trid tezamina hijiex sodisfatta, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li mill-provi mressqa mis-socjeta' attrici it-talbiet taghha humiex sostenuti. Dana ghaliex, skond l-**art. 562** tal-Kap. 12, *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"*. Il-Qrati taghna, sa ricentement[23], abbraccjaw l-ispjegazzjoni tal-applikazzjoni ta' din ir-regola li kienet moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Eucharistico Zammit vs Eustracio Petrococchino noe** tal-25 ta' Frar 1952 fejn inghad li *"l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-prepondernaza tal-probabilitajiet."* Inghad ukoll ricentement, fl-istess sens, li *"f'sitwazzjoni … b'verżjonijiet hekk dijametrikament opposti għal xulxin, il-Qorti trid bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza ta' probabbiltajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant … Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja. [6* ***Borg vs. Bartolo****, App. Inf., 25.06. 1980]. Il-grad probatorju rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet. [7 Vide wkoll* ***Caruana vs. Laurenti****, P.A., 08.04.1994;* ***Borg vs. Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib****,*

[21] 772/18/1JVC, deciza fil-25 ta' Jannar 2023
[22] Ara wkoll **Michelangelo Attard vs Joseph Bajada et**, Appell (Superjuri), 27.10.2021
[23] Ara per ezempju **Etienne St John vs Raymond Vella**, Appell (Superjuri), 15.1.2024

*P.A.,17.07.1981;* ***Vassallo vs. Pace*** *(Vol.LXX.II.144) u* ***Zammit vs. Petrococchino****, App. Kum., 25.02.1952]."*[24]

**Ikkunsidrat ukoll li:**

15. Preliminarjament, din il-Qorti ser titratta l-kwistjonijiet ta' ammissibilita' ta' provi mressqa mis-socjeta' attrici, li argumentat dwarha s-socjeta' konvenuta fis-sottomissjonijiet taghha, principalment tal-affidavits tax-xhieda Fritz, Rathbone u Angelieri, u tal-korrispondenza elettronika *"Minghajr Pregudizzju"* li ghaddiet bejn l-avukati tal-partijiet qabel bdiet din il-kawza.

16. Dwar il-korrispondenza legali mibghuta *"Minghajr Pregudizzju"*, u in konformita' ma' dak ribadit fis-sistema taghna, din il-Qorti tiddikjara bla tlaqliq li mhix ser tqis dik il-korrispondenza bhala prova ammissibbli, anzi tissenjala car li dik il-korrispondenza ma messha qatt tressqet mis-socjeta' attrici quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, bhala parti mill-provi f'din il-kawza.

17. Dwar l-ammissibilita' tax-xiehda bil-miktub ta' Fritz, Rathbone u Angelieri, din il-Qorti jidhrilha li d-dokumenti pprezentati jindikaw li t-taghrif moghti fihom kien konfermat bil-gurament u/jew quddiem Nutar Pubbliku, u ghalhekk tiddeciedi li tqishom bhala provi ammissibbli fil-forma ta' *affidavits*.

18. Mill-banda 'l ohra, kif tajjeb osservat mis-socjeta' konvenuta, din il-Qorti tikkonferma li t-*Temporary Aircraft Management Agreement*, li s-socjeta' attrici ghamlet mas-socjeta' konvenuta biex jittajjar l-ajruplan tas-socjeta' attrici, u li jinghad li sar fis-7 ta' f'April 2014, ma tressaqx minnha bi prova f'din il-kawza. Din il-Qorti tqis li din il-prova kienet rilevanti hafna ghall-mertu, u ma tifhimx ghalxhiex thalliet barra mill-atti.

19. Mill-provi ammissibbli mressqa quddiemha, din il-Qorti fehmet li:

(i) il-partijiet kellhom relazzjoni kuntrattwali bejniethom li bdiet mis-7 ta' April 2014 u ntemmet fis-7 ta' Settembru 2015 b'decizjoni tas-socjeta' konvenuta;

[24] **Antoine Spiteri vs Mario Vella et**, Appell, 15.11.2023

(ii) qabel is-7 ta' Settembru 2015, is-socjeta' attrici ma hadet ebda passi biex ittemm hija stess dik ir-relazzjoni, anke jekk kienet taf li s-socjeta' konvenuta kellha pussess ta' hwejjigha, u kienet ghadha qed topera l-ajruplan appartenenti lilha, u minkejja li ma kinetx qed taccetta l-mod kif kienet qed titmexxa dik l-operazzjoni (inkluz bir-rifjut li ssir il-manutenzjoni mehtiega lill-ajruplan), **u kienet is-socjeta' konvenuta li temmet din ir-relazzjoni b'effett mis-7 ta' Settembru 2015[25], liema avviz jidher li gie accettat mis-socjeta' attrici ghaliex ma kienx kontestat;**

(iii) jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici hadet lura pussess tad-dokumenti – u ghalhekk pussess legali u kontroll esklussiv – tal-ajruplan fit-3 ta' Novembru 2015 u ghaddiet it-tmexxija tieghu lil terzi[26] fl-24 ta' Dicembru 2015[27];

(iv) aktar minn sena wara, fis-6 ta' Marzu 2017, l-ajruplan kien stmat mis-socjeta' attrici stess li jiswa $10,853,000, pero' fit-18 ta' Ottubru 2017, is-socjeta' attrici kienet lesta tbieghu bi prezz ta' $4,500,000, li kien jinkludi t-tpacija tal-kreditu pretiz mis-socjeta' konvenuta, ta' ftit aktar minn €200,000, u l-ispejjez gudizzjarji[28];

(v) fl-14 ta' Frar 2018, is-socjeta' attrici volontarjament bieghet dan l-ajruplan lil terz bil-prezz komplessiv ta' $3,000,000[29], liema ftehim jidher li kien sussegwentement emendat bis-*Side Letter* datata 13 ta' April 2018[30];

(vi) ghalkemm ix-xhieda tas-socjeta' attrici ma qalu xejn fir-rigward, din il-Qorti fehmet li mill-24 ta' Dicembru 2015 'il quddiem, dan l-ajruplan kellu operatur fattwali gdid, pero' mhux maghruf x'gara mill-ajruplan fil-frattemp;

(vii) fil-kuntratt tal-bejgh tal-ajruplan, kien dikjarat mix-xerrej li kien jaf li "*the Aircraft is not airworthy and its components and systems*

[25] Fol. 36

[26] Dawn il-fatti huma konstatati fis-sentenza fl-ismijiet inversi, u mill-appell tas-socjeta' attrici ma jidhirx li huma kontestati minnha

[27] Fol. 127, ara nota 21; u dan minkejja li din il-Qorti fehmet, ghalkemm is-socjeta' attrici ma ddikjarathiex, li l-operatur registrat mal-awtoritajiet kompetenti f'Malta dwar dan l-ajruplan ghadha s-socjeta' konvenuta

[28] Fol. 40

[29] Fol. 42 *et seq.*

[30] Fol. 56 sa 57

*are not working properly"*[31], u dan accetta li jiehu fuqu l-ispiza u r-riskju tat-tiswijiet;

(viii) oltre l-hsarat fil-magni u hsarat ohra, l-ajruplan kellu wkoll pendenza fiskali ta' 'l fuq minn CHF100,000 mal-awtoritajiet Svizzeri, u minhabba f'hekk kien arrestat mill-istess awtoritajiet.[32]

20. Kif tajjeb tissottometti s-socjeta' konvenuta fis-sottomissjonijiet taghha, dwar x'gara verament fis-snin 2016 u 2017 minn dan l-ajruplan, ghalxhiex ma nbieghx dak iz-zmien, jew kif il-valur tieghu naqas tant bejn Marzu 2017 u Frar 2018, u ghaliex ma saritlux il-manutenzjoni li kellu bzonn f'dawk is-sentejn, is-socjeta' attrici ma ressqet ebda prova. Hija llimitat ruhha ghad-dikjarazzjoni vaga tax-xhud Fritz li qal li *"in the years 2016/2018 SAL tried several times in vain to resolve the situation with TAG but the latter's answers were always that the costs to get the plane flying always increased exponentially and were not quantifiable. On the other hand, Perdriel acting on behalf of Skyfirst worked to divert possible buyers of the plane".*[33] Is-socjeta' attrici ma ressqet ebda prova oggettiva, bix-xiehda ta' rapprezentanti ta' TAG, GAMMA jew ta' terzi, in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet taghha, u lanqas spjegat kif kien qed jithaddem l-arrangament ghall-operazzjoni tal-ajruplan li kienet dahlet fih ma' terzi f'Dicembru 2015 wara li hadet pussess tieghu.

21. Wara li qieset dawn ir-rizultanzi u l-karenzi kollha fil-provi mressqa mis-socjeta' attrici, din il-Qorti tiddikjara ruhha mhix konvinta, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li s-socjeta' konvenuta ghandha ggorr xi responsabbilta' ghal tnaqqis fil-valur tal-ajruplan tas-socjeta' attrici mertu ta' din il-kawza.

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici.

In vista tal-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha f'din il-kawza.

---

[31] Fol. 42 *tergo*
[32] Fol. 56 sa 57
[33] Fol. 16 *tergo*, para. 21

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

Nicole Cini
Deputat Reġistratur